MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Numru 93/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**GRAZIO GAUCI**
**RONNIE GAUCI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GRAZIO GAUCI** ta’ hamsa w hamsin sena bin Andrea u Concetta nee Galea, imwieled Pieta nhar l-ewwel t’Awissu 1955 u residenti 24, Triq Gheriexem, Rabat, detentur tal-karta tal-identita numru 568155M u **RONNIE GAUCI** ta’ disgha w ghoxrin sena bin Grazio u Mary Rose nee Muscat, imwieled l-Imtarfa nhar l-hamsa ta’ Mejju 1976 u residenti ‘Sardonyx’, Triq il-Qastan, Bahrija, limiti tar-Rabat, detentur tal-karta tal-identita numru 225076M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005, fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, ghal habta tas-sitta w ghaxra ta’ filghaxija, minghajr l-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' persuna ohra, kkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta’ Francis Buhagiar billi kkagunalu debulezza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f’wiccu, f’ghonqu jew wahda mill-idejn tieghu, kif iccertifika Doctor Aoudi Mima MD;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew kontra persuna sabiex jingurjawha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dan il-Kodici jew jekk kienu pprovokati, ingurjawh b’mod tali li johrog barra mill-limiti ta’ provokazzjoni;

4. talli fl-istess cirkostanzi, data, lok u hin, voluntarjament kisru l-bon ordni w il-paci pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ April 2006, (fol 39) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw fis-seduta tad-dsatax ta’ Gunju 2006 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta (fol 41).

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju w ix-xhieda tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-erbgha ta’ Dicembru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehdet Doctor Aoudi Mirna** (fol 11) fejn qalet li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 hi kienet ezaminat lil Charles Buhagiar u dan fid-Dipartiment ta’ l-Emergenza fl-isptar San Luqa, fejn dan kien allegatament involut fi glieda u kellu ferita f’rasu u kien qed jikkomplenja ghaliex kien stordut. Spjegat li kellu *lacero contused wound* fil-parti ta’ wara ta’ rasu u kellha bzonn xi punti, kellu *vision blurred* u *metastaxis*, li hija demm hiereg minn imniehru, kellu abrazjoni fuq il-parti ossipitali tar-ras u tbengila fuq in-naha tax-xellug ta’ sidru, fuq il-qafas ta’ sidru, abrazjoni ohra fuq in-naha laterali tan-naha tax-xellug ta’ koxxtu u tbengila ohra fuq il-parti ta’ wara tal-parti warrani tieghu, kif ukoll tbengil madwar l-ewwel saba. Qalet li kien hemm wkoll suspett kliniku li seta’ kellu ksur fi mniehru w ghalhekk ittehidlu X Rays, ghalkemm dawn ma tawx risultat car wisq u gie ammess ghal konsulta mal-ENT u l-Ophtalmic. Kompliet tghid li dan wara gie ammess ghall-osservazzjoni minhabba l-problemi li kellu go rasu. Esebiet certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok SLH, ta’ dawn il-griehi kollha li rriskontrat w ikklasifikat l-griehi li kellu dan Francis Buhagiar bhala dawk ta’ natura gravi. Esebiet wkoll kopja tal-*history sheet* tal-pazjent li ezaminat bl-isem ta’ Francis Buhagiar li giet immarkata bhala Dok SLH 1.

**Francis Buhagiar xehed** nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006 (fol 16) fejn qal li kif dejjem jaghmel, wara li jkun spicca mix-xoghol, mar lejn id-dar w appena pparkja il-vettura tieghu quddiem id-dar tal-girien fit-triq opposta, ra lil Grazio Gauci li gharaf presenti fl-awla, jaqbad hames boroz taz-zibel mill-propjeta tieghu u rah ipoggiehom quddiem l-entratura tad-dar tieghu. Ix-xhud kompla jghid li hu dahal ipoggi xi affarijiet id-dar u lil martu qalilha li kien ser jerga johrog ghaliex l-imputat Grazio Gauci kien pogga il-*garbage bags* quddiem l-entratura taghgom. Spjega li nizel, qabad il-*garbage bags* u mar ppoggihom fuq in-naha l-ohra tat-triq. Zied jghid li f’daqqa wahda ra lil imputat Grazio Gauci gej bil-girja u qallu biex ihallihom u

Grazio Gauci fajjarlu daqqa ta’ ponn u tefghu ma l-art. Qal li hu pprova jqum, pero l-imputat Grazio Gauci qabdu minn ghonqu u waqghu t-tnejn ma l-art u l-imputat Grazio Gauci beda jaghtih bl-addocc u f’daqqa wahda beda jaqla daqqiet bis-salt.

Qal li wara semgha lil xi hadd jghid ‘Ronnie taghtihx bis-sieq ghax ser toqtlu’ pero ma rax dak l-hin li kien l-imputat l-iehor Ronnie Gauci. Kompla jghid li qala daqqa wara widnejh w intilef minn sensih. Qal li safejn jaf hu, l-glieda tieghu biss kienet ma l-imputat Grazio Gauci. Zied jghid li hu dam hamest ijiem l-isptar u minhabba l-isturdament, baqa jara t-tobba. Esebixxa certifikat rilaxxjat minn Dr Felice li gie mmarkat bhala Dok, GF.

Kompla jghid li hu mar ghand diversi tobba ohra in konnessjoni ma dan l-incident. Esebixxa tlett ritratti ta’ l-incident in kwistjoni li juru l-griehi li sofra, li gew immarkati bhala Dok. AP 1 u AP 2 u AP 3. Qal li dam ma jmur xoghol, xahrejn wara l-incident u li sa dakinhar li kien qed jixhed kien ghadu jsofri bi sturdament u gieli anke waqa ma l-art. Zied jghid li kien ghad ghandu ferita wara widnejh l-leminija.

**Francis Buhagiar rega’ xehed** nhar s-sitta ta’ Dicembru 2006 (fol 68) fejn qal li l-boroz taz-zibel kienu quddiem l-entratura tieghu fis-sens li biex johrog mid-dar, ried jaqbez fuqhom, liema boroz naturalment ma kienux tieghu, izda tal-imputat Grazio Gauci, ghaliex hu kien gabhom hemm u hu kien hadhom minn quddiem il-propjeta tat-tfal tieghu. Cahad dak li gie allegat lilu mid-difiza, li huma poggew z-zibel taghhom quddiem ulied l-familja Gauci. Ikkonferma li z-zibel li pogga quddiem id-dar tieghu kien l-ewwel quddiem id-dar tal-imputati u dan ghaliex hu ra lil imputat Grazio Gauci jigbor iz-zibel minn quddiem il-proprjeta tat-tfal tieghu w ipoggieh quddiem ir-residenza tieghu u dan rah meta kien ghadu fil-karozza kif kien ghadu kif wasal mix-xoghol.

Spjega li l-imputat Grazio Gauci ma joqghodx hemm w ghalhekk hu ma setghax jarah hiereg minn daru. Cahad wkoll dak li gie suggerit lilu mid-difiza, li Grazio Gauci

qabad il-boroz taz-zibel u poggiehom fil-propjeta li hemm quddiem id-dar tieghu, propjeta tieghu.

Ix-xhud spjega li hu ghandu access liberu ghat-triq progettata u li l-art in kwistjoni li hemm quddiem id-dar tieghu mhix tieghu. Qal li l-boroz li nehha minn quddiem id-dar tieghu mar poggihom faccata l-propjeta tieghu, mhux quddiem ir-residenza ta' Gauci. Cahad wkoll dak li gie suggerit lilu mid-difiza, li dak il-hin l-imputat Grazio Gauci kellmu u qallu li fejn pogga l-*garbage bags* kien propjeta tieghu, anzi qal li kull ma qallu l-imputat Grazio Gauci kien li meta rah jaqbad iz-zibel u jpoggih faccata tad-dar tieghu, qallu "hej, dak iz-zibel hallieh hemm". Qal li ma kienx jaf ghaliex tah daqqa ta' ponn u qabdu minn ghonqu. Qal li kull ma qallu qabel ma fajjar id-daqqa ta' ponn kien, "hej, halli dak iz-zibel hemm" u ma tahx cans iwiegbu. Cahad li kellhom xi tibdil ta' diskors qabel ma qala d-daqqa. Zied jghid li fil-glieda, t-tnejn li waqghu ma l-art u li kien l-imputat Grazio Gauci li qabdu minn ghonqu u jekk zelaq ma kienx jafx, pero hu m'imbuttax lil imputat Grazio Gauci.

Spjega li l-art in kwistjoni, hija tal-konkos u li hu gie aggredit quddiem il-propjeta tal-girien li fiha l-konkos. Spjega li bejn d-dar tieghu u dik tal-girien hemm pied u li ma tistax taqsam t-triq u tmur faccata bla ma tghaddi minn fuq l-ar tal-girien, fil-fatt, kompla jghid x-xhud, hu kien ghadu lanqas beda jaqsam it-triq. Qal li l-imputat Grazio Gauci mar ghal fuqu u tah daqqa ta' ponn u tefghu hu fuq l-art tal-girien, lateralment. Spjega li l-faccata tad-dar tieghu hija ta' tmienja w tletin pied piu o meno. Ix-xhud esebixxa tlett rittratti li jindikaw il-faccata tad-dar tieghu ma dik tal-garr, liema ritratti gew immarkati bhala Dok A, B, C. Zied jghid li dawn ma humiex ritratti tal-faccata kollha, fejn gie aggredit. Qal li meta gie aggredit, hu spicca mitluf minn sensih dak il-hin ta' l-incident u li qala daqqiet ta' sieq f'widnejh. Qal li waqt l-incident, sema' lil xi hadd jghid 'taghtihx bis-sieq ghax ser toqtlu'.

Mistoqsi jekk id-daqqiet kienux bil-ponn jew bis-sieq, x-xhud wiegeb li ma kienx jafx, peress li hu wiccu ma l-art u jahseb li kienu bis-sieq, ghaliex sema' persuna, lehen ta'

ragel tghid ‘taghtihx bis-sieq ghax ser toqtlu.’ Zied jghid li waqt dan l-incident pero ma ra lil hadd fit-triq. Qal li lil Ronnie ma rah fl-ebda hin u li lil mara ma semghaha tghid xejn dak il-hin, ghaliex kien miltuf minn sensih u ma jafx x’ghamlet il-mara. Lanqas ma kien jaf kif ghaddiet il-glieda u lanqas min dahhlu d-dar, ghaliex gie f’sensih l-isptar.

**L-Ispettur Carlo Ellul xehed** nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006 (fol 21) fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 kellhom rapport li l-Bahrija kien hemm xi glieda bejn il-girien cioe bejn Francis Buhagiar u Grazio Gauci u t-tifel tieghu Ronnie Gauci fejn fiha Francis Buhagiar biss sofra xi griehi. Qal li sar jaf li s-surgent kellem lil imputati Gauci u staqsiehom jekk kienux sejrin l-isptar jaghmlu xi certifikati jew jekk sofrewx xi griehi u dawn qalulu li le u fil-fatt sa dakinhar, lilu m’ipproducewlu ebda certifikati li weggghu waqt din il-glieda. Qal li waqt li Francis Buhagiar kien rikoverat l-isptar hu mar jarah personalment fejn rah kollu daqqiet go wiccu u kellmu dwar dak li kien gara. Ix-xhud qal li Francis Buhagiar qallu li l-incident gara meta kien hemm xi *garbage bags* u kienu qeghdin quddiem il-bieb tieghu u dan harighom w ghamilhom faccata u kien hemm xi kwistjoni tat-triq fejn joqghod hu, li ghadha mhix asfaltata u hija propjeta tal-imputati Gauci u dan ghamel il-*garbage bags* xi mkien u regghu ghamluhomlu quddiem il-bieb u ggieldu fuq dawn il-*garbage bags,* zied jghid x-xhud, li l-incident primarjament kien fuq dan.

Spjega li skond Francis Buhagiar, iz-zewg imputati hebbew ghalih, it-tnejn sawwtuh u waddbuh fl-art u tawh bis-sieq u bil-ponn. Qal li meta s-surgent kellem lil imputati Gauci, it-tnejn, Grazio ammetta li kien involut fi glieda mieghu u t-tifel sempliciment kien qed jipprova jferraqhom u ma kienx involut. Pero, spjega x-xhud, meta hu tkellem mal-mara ta’ Francis Buhagiar, li kienet presenti waqt il-glieda, din qalet li t-tnejn qabdu jaghtuh w ghalhekk hu ma kellux triq ohra hlief li jgibhom bl-istess akkuzi.

Zied jghid li Francis Buhagiar ghamel xi zmien l-isptar, baqa johodlu certifikati fejn jghid li sa dakinhar, kien ghadu qed imur ghand l-ENT ghal visti. Qal li fil-fatt mart Francis Buhagiar, kienet presenti ghall-incident u kienet hi li cemplet ghall-pulizija u ghamlet ir-rapport, liema rapport hadu s-surgent w ghal hekk id-diskors taghha kien mas-surgent. Qal li hu, lill-imputati ma kellimhomx, kien is-surgent li kellimhom.

**L-Ispettur Carlo Ellul rega' xehed** nhar s-sitta ta' Dicembru 2006 (fol 72) fejn qal li hu ma kienx jaf li kien hemm incidenti bejniethom qabel ma sehh l-incident u li sar jaf li kien hemm kwistjoni bejniethom, wara li sehh dan l-incident. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, ghad hemm wkoll xi kawzi ohrajn bejniethom.

Qal li lil Francis Buhagiar kellmu wara l-incident u lil imputati Gauci kien kellimhom is-surgent. Qal li Francis Buhagiar kien qallu li l-imputat Ronnie Gauci ma dahal fl-ebda kwistjoni, kien qed iferraq biss. Mistoqsi jekk kellimx lix-xhieda okulari, x-xhud wiegeb li ma kellem lil hadd. Qal li jaf li mart Francis Buhagiar, bdiet tghidilhom biex ma jkomplux jaghtuh, naturalment skond ma qaltlu hi, hi ma semmietlu lil hadd iehor li kien prezenti ghal dan l-incident. Qal li ma jiftakarx jekk semmietlux jekk kienx hemm xi ragel li qal xi diskors lil Ronnie Gauci fil-hin ta' l-incident. Qal li jaf li kien hemm xi proceduri kontra Francis Buhagiar pero ma kienx jafx jekk dawn gewx decizi jew le u li dawn kienu ttiehdu proceduri tad-distrett.

**PS 156 Frans Abela xehed** nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 (fol 24) fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 hu kien stazzjonat l-ghassa tar-Rabat meta f'xi hin dahal rapport minghand certa Maria Buhagiar, telefonikament, li kien ghadu kemm sehh argument bejn zewgha Francis Buhagiar, Grazio Gauci u Ronnie Gauci u dan fil-Bahrija limiti tar-Rabat. Din qaltlu li kienet ser tiehu lil zewgha lejn l-isptar. Zied jghid li sussegwentement xi ghaxar minuti wara, kien dahal l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, Grazio Gauci jaghmel l-istess rapport. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok PS.

**PS 156 Frans Abela rega' xehed** nhar l-hdax ta' Settembru 2006 (fol 57) fejn ikkonferma li r-rapport kien sar b'mod telefoniku minn Maria Buhagiar. Spjega li hi qaltlu li kien hemm argument li kien involut fih zewgha u li kienet ser tiehdu l-isptar u li effettivament l-argument kien diga spicca. Ikkonferma wkoll li xi ghaxar minuti wara dahal l-imputat Grazio Gauci li gharaf prezenti fl-awla, minn jeddu biex jaghmel rapport. Ikkonferma li ttiehdu proceduri fil-konfront ta' Francis Buhagiar wkoll relatati ma dan l-incident.

**Maria Josefa Buhagiar xehdet** nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 (fol 36) fejn qalet li fl-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija kien wasal mix-xoghol zewgha Francis Buhagar, dahal mill-bieb u taha xi affarijiet. Qalet li sa dak il-hin, it-tifel taghha z-zghir mar fuqu, peress li missieru kien ghadu gej mix-xoghol u qallu li kien hemm il-*garbage bags* quddiem id-dar taghhom u qallu li kien ra lil imputat Grazio Gauci sejjer b'dawk l-istess *garbage bags* u qalilha li kien ser imur ipoggiehom faccata, biex ma jhalliehomx wara l-bieb taghhom. Qalet li sadanitant, it-tifel hareg wara missieru u hi marret wara t-tifel. Spjegat li zewgha Francis qabad zewg *garbage bags* u hadhom faccata, fejn kien ghadu ma hemmx bini u fid-daqqa u l-hin rat lil imputat presenti fl-awla, Grazio Gauci gej bil-girja u qal lil zewgha Francis, 'hawn int, dak iz-zibel hallieh hemm.' Qalet li ratu jxejjer idejh fuq wicc zewgha u rat lil zewgha ma l-art. Qalet li rat lil zewgha jipprova jqum pero kompla jaqla. Ziedet tghid li mbaghad rat lil Ronnie Gauci, l-imputat l-iehor presenti fl-awla, sejjer jigri mill-garaxx ta' l-imputat Grazio Gauci u rat lilu u lil Grazio jaqbdu jaghtu lil zewgha, waqt li kien ma l-art. Qalet li Ronnie Gauci beda jaghti fuq ras zewgha daqqiet ta' sieq qisu rasu kienet ballun tal-futbol. Spjegat li hi dak l-hin dahlet gewwa ccempel lill-pulizija u kellmitha certa WPS 306 u qaltilha biex imorru malajr peress li kienu qed isawwtu lir-ragel taghha. Qalet li din s-surgent staqsitha min kien qed isawwtu u hi qaltilha li kienu Grazio u Ronnie Gauci. Qalet li pero din s-surgent, qaltilha li dak l-hin huma ma setghux imorru u qaltilha biex tiehu lil zewgha l-poliklinika u wara tmur taghmel rapport.

Qalet li lis-surgent hi qaltilha li kienet wahedha dak l-hin bit-tifel w is-surgent qaltilha li ma setghux jghinuha u nizzlet it-telefon. Ziedet tghid li hi harget lejn il-bieb ta' barra u rat li dawn Gauci, l-imputati odjerni, kienu ghadhom qed jaghtu lir-ragel li kien mimli bid-dmija u semghet lil xi hadd jghid 'Ronnie mhux hekk, taghtihx bis-sieq ghax ser toqtlu.' Qalet li kien hemm ragel iehor li ma tafx x'jismu pero taf li kellu karnaggjon ginger bil-mustacci w iprova jferraqhom imma ma rnexxielux ghaliex l-imputati kienu fferocjati. Qalet li zewgha kien mitluq ma l-art w pprova jnehhi lil Gauci minn fuqhom. Ziedet ghid li x'hin waqfu, rat lil Ronnie jitlaq jigri lejn il-garaxx. Qalet li Grazio Gauci mar hdejn ic-cint tal-parapett u x'hin dan ir-ragel prova jolza lil zewgha minn ma l-art, li dak il-hin kien mitluf minn sensieh, l-imputat Grazio Gauci, dar fuq dan ir-ragel u qallu biex jerhilu hemm u biex ma jmissux. Qalet li hi talbitu biex jghinha u dan beda jghajjat u jidghi u dan ir-ragel dar fuq l-imputat Grazio Gauci u qallu "mela ma nerhihx hekk, mela dawn affarijiet". Qalet li fil-fehma taghha, dan ir-ragel kien jafu lil imputat Grazio Gauci. Qalet li dan ir-ragel beda jtella lil zewgha fil-parapett taghhom u waqt li kienet qed tistenna lil dan ir-ragel itella lil zewgha fil-parapett, dan dar fuqha u qalilha 'qis li nhallsu ghax mhux ser ihallina bi kwietna jekk ma nhallsuhx'.

Qalet li bejnithom u bejn il-familja Gauci hemm kwistjoni civili fuq it-triq. Spjegat li zewgha ghamel erbat ijiem l-isptar u wara komplew imorru ghand il-Professur Felice, peress li zewgha kompla bl-isturdamenti ghal xahrejn u kien ghadu ghaddej bl-*exercises* u li kellhom sa April biex jerga jarah l-ENT Dr. Pace Balzan. Ziedet tghid li zewgha dam xarhejn ma jmurx xoghol. Qalet li n-numru tat-telefon tar-Rabat ma tafux bl-amment u gabitu wara li cemplet il-1182.

**Maria Josefa Buhagiar regghet xehdet** nhar s-sitta ta' Dicembru 2006 (fol 74) fejn qalet li l-imputat Grazio Gauci pogga dawn il-boroz taz-zibel quddiem l-entratura tal-parapett taghhom. Spjegat li biex tidhol god-dar trid jew taqbizhom jew titgerbeb fihom. Ikkonfermat li l-faccata tad-dar taghhom hija xi tmienja w tletin pied. Qalet li l-

parapett ghandu cint u imbghad hemm fetha minn fejn tidhol u l-fetha hija wisa xi 2.5 jew 3 piedi w l-boroz kienu taht il-fetha. Qalet li bankina ma hemmx quddiem id-dar taghhom, hemm biss kurdun. Fissret li bankina fis-sens ta’ siment jew *tiles* ma hemmx, hemm biss it-tarf tal-bankina. Qalet li l-boroz tpoggew fil-kurdun propju taht it-targa tal-fetha tat-terazzin taghhom. Qalet li kien hemm iktar minn zewg *garbage bags* u ghalhekk zewgha ma setghax jaqbadhom f’daqqa u qabadhom ftit ftit, pero ma lahaqx hadhom kollha. Kompliet tghid li hi rat lil zewgha bil-*garbage bags* f’idu sejjer faccata, qabel l-incident.

Mistoqsija jekk lahaqx ha xi borza u rega gie lura, x-xhud m’gharfitx twiegeb, pero kien hemm *garbage bags* f’idu u *garbage bags* ohra ma l-art. Qalet li hi kienet fil-bieb tad-dar u l-incident in kwistjoni gara fi ftit sekondi. Qalet li l-imputat Grazio Gauci mar jigri b’salvagizmu, qabad lil zewgha minn ghonqu w imbuttah u zewgfha waqa ma l-art. Qalet li kien l-imputat Grazio Gauci li mbotta lil zewgha u li zewgha ma kellux cans jimbuttah. Qalet li t-tnejn spiccaw waqghu ma l-art u li kien l-imputat Grazio Gauci li beda jhebb ghal zewgha u zewgha beda jipprova jiddefendi lilu nnifsu.

Ikkonfermat dak li gie suggerit lilha li zewgha ipprova jqum u fil-fatt waqqa lil Gauci ma l-art. Qalet li kien dak il-hin li marret icempel lill-pulizija mill-ewwel. Qalet li hi kellha tifel ta’ tlett snin w ghalhekk riedet twaqqaf l-istorja billi ccempel lill-pulizija. Qalet li hi fl-ebda hin ma marret tiddefendi jew tipprova tferraq w iddecidiet li ccempel lil pulizija minhabba t-tifel, ghax ma setghet taghmel xejn ma zewgt irgiel. Qalet li l-*ewwel reaction* taghha kien li ccempel lill-pulizija w ghalhekk cemplet 1182 u kellmet ma pulizija WPC 206 u qaltilhom biex jghidu lill-pulizija jmorru jwaqqfu l-glieda. Qalet li lil pulizija li tkellimt maghha fuq it-telefon qaltilha li kienet waheda bit-tifel, pero l-pulizija rrifjutaw li jiehdu *action* dak il-hin. Ikkonfermat li hi tkellimet ma pulizija mara, WPC 206. Ikkonfermat wkoll li ma l-imputati u zewgha kien hemm persuna ohra ta’ karnaggjon ginger, pero min hu ma kienetx taf, pero taf li beda jghid lil Ronnie u lil Grazio biex jieqfu u li din il-persuna ippruvat tifridhom minn ma xulxin, pero ma

rnexxielux peress li kienu fferucjati fuqu w imbaghad mar biex jaghti l-ewwel ghajnuna lil zewgha peress li zewgha kien mitluf minn sensieh u l-imputat Grazio Gauci qallu ‘hallieh tmissux’.  Qalet li taf li dan ir-ragel qabez u qallu ‘dan mhux hekk Grezz, mela dawn affarijiet’.  Qalet li hi tassumi li l-imputat Grazio Gauci kien jafu lil dan r-ragel. Qalet li meta gara l-incident kien beda jidlam.  Qalet li vicin, hemm kappella u jghaddu nies pero dakinhar ma kienx hemm nies. Qalet li hji fl-ebda hin ma kellmet lil dan ir-ragel ta’ karnaggjon ginger.

Qalet li lilha dan l-incident kissirha kemm moralment u kif wkoll psikologikament.  Kompliet tghid li din il-persuna ta’ karnaggjon ginger, ghenha ddahhal lil zewgha d-dar w imbghad telaq lil hemm.    Qalet li hi rat lil imputat Ronnie Gauci jibqa jaghti bis-sieq lil zewgha waqt li l-imputat Grazio Gauci kien qed izomm lil zewgha u jaghti wkoll.

Cahdet dak li gie suggerit lilha li l-imputat Ronnie Gauci mar biex jferraq.  Qalet li hi hekk xtaqet ghax kieku ma kienx jgarrab il-griehi li garrab zewgha.  Qalet li waqt li kienet qed iccempel kienet qed tara x’kien qed jigri barra ghax it-telefon jinsab hdejn il-bieb ta’ barra, fil-fatt, ziedet tghid x-xhud, hemm tieqa u taht it-tieqa hemm *desk* u t-telefon qieghed fuq id-*desk*.

Mistoqsija jekk sarx xi diskors bejnha u bejn dan ir-ragel x-xhud wiegbet li dak il-hin ma tafx x’qaltlu.

**Mr George Felice xehed** nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 (fol 28) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta’ Konsulent u Surgeon.  Qal li Francis Buhagiar kien gie ammess l-isptar San Luqa nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Novembru 2005 u meta ezaminah irriskontra li kellu demm hiereg minn imniehru u ferita wara widnejh tal-lemin, ferita ohra fuq rasu in-naha ta’ wara, kif ukoll tbengil fuq sidru fuq in-naha tax-xellug, fuq wara, wkoll fuq in-naha tax-xellug. Kellu wkoll tbengil f’idejh il-leminija u saqajh ix-xellugija.  Spjega li dawn l-griehi kienu kompatibbli ma risultat ta’ glieda bhala impatt u li dawn il-feriti m’humiex ta’ natura gravi.

**Mr George Felice rega' xehed** nhar l-hdax ta' Settembru 2006 (fol 53) fejn wara li gie muri c-certifikat esebit fl-atti mmarkat bhala Dok GM, a fol 18 tal-process, ikkonferma li dan gie rilaxxjat minnu fit-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005. Spjega li *vertigo* u *headache* ma humiex specajlita tieghu ghaliex hu Kirurgu. Infatti, zied jghid x-xhud, hu kien qal lil Francis Buhagiar biex jara specjalista f'dan il-qasam. Ikkonferma li t-tbengil u l-feriti li kellu Francis Buhagiar kien kompatibbli ma glieda. Ikkonferma li dawn ma kienux ta' natura gravi. Spjega li jekk bniedem jaqa f'gandott, il-feriti jkunu fuq naha wahda pero f'dan il-kaz, il-feriti ma kienux fuq naha wahda biss. Qal li jekk baqghux iduru fil-gandott, ma kienx jaf.

**Doctor Melania Pace Balzan xehdet** nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 (fol 30) fejn qalet li hi ezaminat lil Francis Buhagiar fl-erbgha ta' Jannar 2006 u dan peress li l-pazjent kien qed jiddeskrivi sintomi ta' sturdament, risultat wara daqqiet li huwa kien qala f'rasu fix-xahar ta' Novembru 2005. Qalet li meta ezaminatu dan kien qalilha li s-sintomi tieghu kienu naqsu hafna tant li fl-ahhar ghaxart ijiem qabel l-ezami mizmum minnha, huwa kien qalilha li huwa kellu dan l-ugiegh f'okkazzjoni wahda biss. Spjega li t-tip ta' sturdament li kien qed jiddeskrivi l-pazjent kien wiehed ta' meta per ezempju bniedem icaqlaq rasu bhal meta jdur min naha ghal ohra fis-sodda, li bhala tobba jghidulha *positional vertigo* u ghamlitlu testijiet medici ghaliha u r-<u>rizultat li taw kien wiehed negattiv ghall-presenza ta' tali *vertigo*</u>. Ikkonfermat li din il-kundizzjoni hija wahda li tmur.

**Doctor Melania Pace Balzan regghet xehdet** nhar l-hdax ta' Settembru 2006 (fol 55) fejn mistoqsi ezattament x'kien l-ilment ta' Francis Buhagiar u cioe ghal x'hiex hi kienet ezaminatu, ix-xhud wiegbet li hi kienet qed ezaminatu ghal *benign paroxisimal positional vertigo*. Qalet li l-kaz kien gie riferut lilha peress li kien qed ibati minn xi sturdamenti u li dwar xi feriti u cicatrici li seta kellu dan Buhagiar, hi ma dahlitx fihom. Qalet li l-ispecjalita taghha hija fuq ENT, pero l-iktar fuq *audiology* cioe bilanc u smiegh tal-widna. Qalet li l-ewwel darba li ghamlet it-test fuq Francis Buhagiar, it-test ta' rizultat negattiv fis-sens li

ma kienx hemm sintomi prezenti ta' *vertigo* ghalkemm meta ghamlitlu t-test it-tieni darba, ta rizultat posittiv fuq il-widna tal-lemin. Qalet li l-ewwel ezami sar f'Jannar 2006 w it-tieni fil-hdax ta' April 2006.

Mistoqsija jekk baqghetx tarah wara din id-data ix-xhud wiegbet li jista jkun li ghandu *follow up* pero hi ma regghetx rajtu. Qalet li qabel Jannar li ghadda, hi ma kienetx ezaminat lil Francis Buhagiar u li ma kienetx tafu. Qalet li mill-history *sheet file* ta' l-istess Francis Buhagiar ma rrizultalhiex li huwa kellu xi problemi medici fil-passat.

**Doctor Eileen Borg xehdet** nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 (fol 32) fejn qalet li hi kienet giet nominata b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 sabiex tezamina lil Francis Buhagiar u tiddeskrivi l-feriti subiti minnu u jekk dawn l-istess feriti humiex ta' natura gravi. Qalet li kienet baghtet ghal Francis Buhagiar nhar l-ghaxra ta' Marzu 2006 w ezaminatu gewwa l-Isptar Boffa, fejn irriskontrat li dan kellu ferita lacero kontusa wara widnejh il-leminija, li ghaddietlu pero baqghet bhala marka wara widnejh. Qalet li din il-ferita ma hix fil-vista tal-wicc. Ix-xhud esibiet r-rapport taghha, liema rapport gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. EB.

**Doctor Eileen Borg regghet xehdet** nhar s-sittax ta' Ottubru 2006 (fol 64) fejn ikkonfermat li hi qatt ma rat lil Francis Buhagiar qabel m'ezaminatu fuq digriet tal-Qorti. Qalet li l-ferita li ghandu Francis Buhagiar mhix visibbli *ad occhio*, fis-sens ta' distanza normali bejn bniedem u iehor. Fil-fatt ziedet tghid x-xhud, l-istess ferita tinsab wara l-widna. Qalet li lil Francis Buhagiar ezaminatu tlett xhur wara l-allegat incident u ma regghetx ratu minn dakinhar lil hawn. Qalet li c-cikatrici li ghandu maz-zmien ma tmurx, fis-sens li tibqa hemm.

**L-imputat Grazio Gauci xehed** nhar t-tnejn ta' April 2007 (fol 80) fejn qal li hu joqghod Triq Gheriexen Rabat. Mistoqsi jghid x'konnessjoni ghandu ma Triq il-Qastan il-Bahrija, wiegeb li hemm zewgt itfal tieghu jghixu, l-imputat Ronnie Gauci u ohtu Alison Gauci. Ikkonferma li dakinhar ta' l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 hu kien ghand

ibnu u mar flimkien ma martu Rose Gauci. Qal li dakinhar ibnu ma kellux lill-mara mieghu u kellu zewgt basktijiet tat-tifel. Qal li dan kien it-tifel tieghu li kien hemm wara l-bieb tad-dar tieghu. Qal li hu qabadhom u poggihom naqra ‘l fuq barra l-propjeta tieghu, f’nofs it-triq. Spjega li t-triq in kwistjoni mhix miftuha pero hija propjeta tieghu. Spjega li meta ghamel hekk u kien ser idur, ra lil Francis Buhagiar hiereg jigri u rema wahda minn dawn il-boroz u qallu “ghalfejn ser taghmel hekk? Hawn hekk go hwejjgi qeghdin” u kif qallu hekk, Francis Buhagiar beda joffendih bil-mejjet missieru w imbuttah. Qal li hu qabdu w imbuttah bis-sahha u waqa fuq gebel fit-triq. Qal li l-art in kwistjoni mhix asfaltata, hemm gebel u haxix u kanal zghir. Spjega li Francis Buhagiar waqa ma l-art, hu rega’ mbuttah u dan rega’ qam ghalih u hu rega’ mbuttah u rega’ waqa t-tieni darba ma l-art u kif qam dahal jigri lejn id-dar.

Qal li ibnu Ronnie Gauci, l-imputat i-iehor, ma kienx hdejh dak il-hin u li mar hdejh wara li Francis Buhaagiar kien dahal lura d-dar. Qal li hu wara mar l-ghassa jaghmel rapport personali wahdu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk rax xi ragel bjond dak il-hin tal-glieda wiegeb li ma rax irgiel. Zied jghid li hemm kawza ohra wkoll pendenti kontra Francis Buhagiar a bazi tar-rapport li kien ghamel.

In kontro ezami, l-imputat Grazio Gauci qal li hu qatt ma deher fuq il-kawza li kien ghamel kontra Francis Buhagiar w ghalhekk ma jaf xejn dwar sentenza ta’ liberazzjoni li d-difiza qed taghmel referenza ghaliha.

Mistoqsi dwar l-art in kwistjoni qal li din hija verament propjeta tieghu. Qal li l-art quddiem il-propjeta ta’ Francis Buhagiar, hija bicca art li suppost hadd ma jghaddi minn fuqha. Qal li kien jaf li Francis Buhagiar ghandu dritt jghaddi bil-pass minnha. Mistoqsi jekk hemmx nies ohra li jghaddu minn fuq din l-art, x-xhud wiegeb li hemm nies ohra li jghaddu, pero minn dik il-parti li hija bejn il-propjeta tieghu u dik ta’ Francis Buhagar. Cahad li llum il-gurnata din it-triq hija asfaltata bit-tarmac. Qal li hu kien ghamel kawza kontra l-Gvern u l-Qorti ddecidiet li l-art tibqa tieghu

pero l-Gvern ghandu dritt jaghti asfalt minn fuqha u jekk ma jhallsux ta' l-art li huwa appropja minghandu, hu ghandu dritt jaghmillu kawza ohra biex jithallas. Mistoqsi jekk effettivament Francis Buhagiar spiccax l-isptar jew le, ix-xhud ma kienx jaf.

Cahad dak li gie suggerit lilu mid-difiza li ibnu Ronnie ppartecipa f'dan l-incident ghaliex fil-fatt ma kienx hdejh u mar hdejh biss meta Francis Buhagiar dahal gewwa dahru. Ikkonferma li fil-glieda kollha ibnu Ronnie, ma kienx prezenti u li Francis Buhagiar kien wahdu. Qal li lil mart Francis Buhagiar raha meta huwa tela' t-tarag tad-dar tieghu, pero ghajjat kien hemm, ghax meta waqa' ma l-art Francis Buhagiar, kien hemm naqra storbju. Mistoqsi jekk rax xi demm ma wicc Francis Buhagiar, x-xhud wiegeb li hu ma rahlux.

**L-imputat Ronnie Gauci xehed** nhar t-tnejn ta' April 2007 (fol 83) fejn ikkonferma li hu joqghod fi Triq il-Qastan il-Bahrija u li fl-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 hu kien id-dar, fil-garaxx li ghandu taht id-dar, jaghmel xi xoghol fuq il-karru tad-*dinghy* tieghu. Ikkonferma wkoll li dakinhar kienu marru jzuruh missieru w ommu. Qal li hin minnhom, waqt li kellu r-radio mixghul, nizlet ommu tghajjat fuq missieru w ghalhekk hu fetah il-bieb tal-garaxx li huwa *roller shutter*, u jaghmel ftit storbju, u meta tellghu biex jara x'kien gara, u peress li Francis Buhaagiar joqghod bieb ma bieb mieghu, rah jigri u tiela t-tarag ta' daru. Qal lil hu ma ra xejn iktar hlief lil missieru f'nofs ta' triq. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, missieru qallu li kien sejjer l-ghassa jaghmel rapport u hekk ghamel. Qal li hu ma marx ma missieru jaghmel ir-rapport, hu dahal gewwa ghax ghalih xejn specjali ma kien gara. Qal li ma marx ghax ma kienx involut w ghalhekk ma kellux ghalfejn immur mieghu.

**In kontro ezami l-imputat Ronnie Gauci** cahad dak li gie suggerit lilu mid-difiza, li dak iz-zmien huma kienu rrabjati ghaliex il-familja ta' Buhagiar kienet qed tghaddi minn fuq l-art propjeta taghhom, ghax fil-fatt kienu diga anke tawh permess biex jkollu access minn fuq din l-art. Qal li hbieb ma kienux pero rrabjati lanqas. Ikkonferma li bejniethom

kien hemm kwistjoni dwar il-hlas ta’ l-appogg, xi differenza ta’ xi mitt lira. Qal li fuq dak l-incident, baqghu bit-tikketta, ghalkemm minn naha tieghu ma kellu l-ebda tikketta. Qal li l-mara ta’ Francis Buhagiar kienet qaltlu “issa npattihielek u tara minn x’hiex trid tghaddi” minhabba dik il-mitt lira differenza. Qal li dak il-hin it-triq kienet kollha imharbta u ma tistax tghaddi bil-karozza. Qal li hu qatt ma kellu problemi ma Buhagiar fuq dan l-access.

Meta gie muri d-dokumenti esebiti bhala Dok Z, qal li dwar dawk hu m’ghandu x’jaqsam xejn ma dawk l-ittri ghax hu mhux Grazio u lanqas Maria Gauci. Qal li l-ittra li giet mibghuta minn Dr. Cilia giet mibghuta f’isem il-genituri tieghu mhux lilu. Rega’ tenna ghal darb’ohra li hu m’ghandu x’jaqsam xejn ma dawn l-ittri li ntbghatu. Qal li l-art in kwistjoni kienet propjeta ta’ missieru pero sussegwentement giet espropjata mill-Gvern. Qal li missieru kellu jithallas minghand il-Gvern ta’ parti tat-triq u missieru baghatlu biex jithallas minghand Francis Buhagiar. Spjega li llum il-gurnata pero s-sitwazzjoni tbiddlet fis-sens li l-Gvern ghadda triq u qal li ser jikkumpensa lil missieru. Din il-korrispondenza titratta fuq dan il-punt.

Meta gie muri Dok X, li hija ittra ohra li giet mibghuta lilu sentejn qabel l-incident in kwistjoni, x-xhud qal li effettivament ghal din l-ittra hu kien baghat risposta fejn kien qal li hu qatt ma cahhad id-dritt ta’ passagg li Francis Buhagiar kellu minn fuq din il-proprjeta ta’ missieru. Rega’ tenna w ikkonferma li hu ma ha ebda parti fil-glieda li sehhet dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru. Qal li meta hu tella’ x-xatba tal-garaxx, ra lil Francis Buhagiar diehel jigri gewwa d-dar u li fuq dak li qalet mart Francis Buhagiar, ikkonferma bil-gurament tieghu li mhux minnu li hu dakinhar kien hemm.

**Rose Gauci xehdet** nhar t-tnejn ta’ April 2007 (fol 91) fejn qalet li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 hi kienet ghand binha fis-salott tieghu. Qalet li dakinhar it-tifel taghha Ronnie kien gewwa l-garaxx tieghu jaghmel xi xoghol fuq id-*dinghy* jew il-karozza tieghu u li wara xi ftit semghet xi storbju w ghajjat gej minn barra. Qalet li l-bieb

taghhom kien miftuh w ghalhekk seta’ jinstema l-ghajjat. Qalet li kien dak il-hin li ttawwlet u rat lil zewgha u lil Francis Buhagiar jitghajjru u bdiet ssikkithom u nizlet tigri t-tarag ghal Ronnie. Qalet li Ronnie kellu r-radio mixghul dak il-hin, tella’ l-bieb tal-garaxx u hareg jigri u rat lil zewgha quddiem il-bieb tad-dar u lil Francis Buhagiar tiela t-tarag. Fl-ebda hin pero, kompliet tghid x-xhud, ma rat lil Ronnie Gauci u lil Francis Buhagiar jitlewmu.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta’ fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta’ zmien u ghalhekk kienet f’posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x’interess setgha kellu xi xhud f’dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza, li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera stante li tali konflitt, ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit."*

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri *mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Id-difiza qajjmet il-punt ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 224 tal-Kap 9.

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid :

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-***Codice delle Due Sicilie*** **u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew Jamesen li gie ppresentat lil Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-***Rapporto sui Progetti di Legge Penali e di Organizzazione e Procedura Penale per l'Isola di Malta*** **(30/05/1835)** a fol 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe'

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra aktar 'l quddiem taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuol dire li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat.

Il-**Professur Mamo** jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li ikun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (***Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261***).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937***, dik il-Qorti qalet sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun wkoll l-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma *tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56***) :

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile.*"

F'dan ir-rigward, l-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC *(A Casebook of Scottish Law) pg 347*** - li:

"*To reach the first result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in an imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi w inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingiusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".

Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale (Parte Generale pg. 358)*** jghid:

"*La giustificante dell articolo 52* (li jikkorrispondi ghal artikolu 223 taghna) *non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*".

Dwar t-tieni element ta' gravita, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt. iv. pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937*** moghtija mill**-Imhallef Harding,** fejn gie

deciz li r-rekwizit tal-gravita jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante l-aggressur kien gidem lilu u lil kunjati u kien qed jaggredih u jsawwtu. L-imputat rreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

**Il-Professur Mamo jghid:**

"*The act of defense must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*".

Fit-tielet lok l-inevitabilita.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar 1958*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emily Zarb** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'**Anali della Giurisprudenza Italiana** (pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex l-perikolu jfisser situazione inevitabile, il-perikolu irid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm <u>legittima difesa</u> izda <u>provokazzjoni</u>.

Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol XXXIX pg. 1072) li:

"*Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt **Canofari**, f' **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-***Codice delle Due Sicilie*** li jikkorrispondi ghall-artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

"*La legge e' protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto non il reato.*"

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara** (pg**.** 209 - 306 ***Programma***):

"*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere all'acclamazione alla fuga."*

Illi pero minn ezami tax-xhieda, l-Qorti hija proprensa temmen aktar il-versjoni tal-fatti kif moghtija minn Francis Buhagiar kif kolloborata minn martu Maria Josefa.

Il-Qorti hija tal-fehma li kien l-imputat Grazio Gauci li aggredixxa lil Francis Buhagiar meta huwa qabad il-boroz taz-zibel li l-istess Gauci kien pogga quddiem daru u rah sejjer ipoggihom faccata. Illi kemm Francis Buhagiar jghid dan kif wkoll martu li tghid wkoll li rat lil Grazio Gauci ihebb ghal zewgha flimkien ma ibnu Ronnie, l-ko akkuzat.

PS 156 Francis Abela jikkonferma li kienet Maria Josefa Buhagiar li rrappurtat l-incident u cioe li zewgha kien qed

jigi attakkat mill-imputati u kien wara li sar dan r-rapport li l-imputat Grazio Gauci mar jaghmel rapport l-ghada.

Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat Grazio Gauci qabad u ta daqqa ta' ponn lil Francis Buhagiar u meddu mal-art. Illi pero dwar n-natura tal-feriti ma jirrizultawx li kienu ta' natura gravi. It-tobba principali li xehdu kollha qalu li l-feriti subiti minn Francis Buhagiar kienu ta' natura hafifa.

Il-Qorti ma taqbilx mal-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat Grazio Gauci u cioe li kien hu li gie aggredit l-ewwel u dan ghaliex huwa mprobabbli li kien jispicca minghajr ebda feriti.
Dwar l-imputat Ronnie Gauci pero l-Qorti ghandha d-dubbji taghha li attwalment kien ko-partecipi fir-reat u cioe fl-aggressjoni dimostrata minn missieru. Kemm l-imputat Grazio Gauci kif wkoll l-ko-imputat Ronnie Gauci jghidu li ma kienx qed jaghti u kienet biss l-mara ta' Farncis Buhagiar li tghid li rata lil Ronnie Gauci jaghti pero din ma kienetx hemmhekk il-hin kollu w ghalhekk il-Qorti ma thossx li tista tistrieh biss fuq dak li qalet din f'dan r-rigward.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li tiddikjara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 339(d)(e), 339(b), 342, 17(c), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat GRAZIO GAUCI hati li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Francis Buhagiar billi hebb ghalih filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati li heddu u li kkaguna ferita ta' natura gravi, mill-liema akkuzi qed tilliberah.**

**Dwar il-piena fil-konfront tal-imputat GRAZIO GAUCI, l-Qorti, rat l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li hija relattivament nadifa ghajr ghal zewg kontravenzjonijiet registrati fuqha li jirrisalu ghal aktar minn tletin sena, w ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*.**

**Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, qed <u>tikkundanna lil imputat GRAZIO GAUCI ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur sospizi ghal sena</u> ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fir-rigward l-imputat <u>RONNIE GAUCI, il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija</u>.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat GRAZIO GAUCI jhallas l-ispejjes involuti fil-hatra ta' Doctor Eileen Borg [fol 35] fl-ammont ta' 163.06 Euro u dan fi zmien xahar mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------